# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 24**

**Citazzjoni numru 593/05 AF**

**Noel Abdilla**

**v.**

**Charlot Cumbo**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-23 ta' Ottembru 2013 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

> "Rat ic-citazzjoni mressqa minn Noel Abdilla, li permezz taghha, wara li ppremetta illi:
>
> "Fl-10 ta' Lulju 2004, waqt illi l-attur Noel Abdilla kien qed jipprosegwi fi Triq Santa Margerita, Siggiewi, hu safa mtajjar mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBD 462 u misjuqa mill-konvenut Charlot Cumbo u registrata f'isem Anthony Cumbo;

"Per konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur wegga' u sofra debilita' permanenti, kif giet certifikata mill-espert ortopediku Mr. Carmel Sciberras;

"Ghal dan l-incident kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

"Ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas ta' danni sofferti mill-attur, baqa' inadempjenti.

"Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fl-10 ta' Lulju 2004 gewwa Triq Santa Margerita, Siggiewi, u ghad-danni kollha li sofra l-attur per konsegwenza tal-istess incident.

"Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

"Tikkundanna lill-konevnut ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

"Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni u d-dokumenti annessi.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Charlot Cumbo, li in forza taghha eccepixxa illi:

"It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-eccipjent ma kellux htija jew responsabilita' ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri u dan kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"Isegwi illi ma hemm l-ebda danni x'jigu likwidati favur l-attur fil-konfront tal-eccipjent;

"Isegwi wkoll illi l-eccipjent ma ghandux jigi kkundannat ihallas ebda danni lill-attur;

"Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rata ta' dizabilita' rikjamata mill-attur a bazi tad-Dok. B anness mac-citazzjoni attrici huwa wiehed eccessiv.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dokumenti esebiti.

"Rat l-affidavit.

“Rat l-atti kollha.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

“Din hija kawza dwar incident li gara fis-Siggiewi meta Noel Abdilla safa mtajjar minn vettura waqt li kien miexi fi Triq Santa Margerita.

“Mill-provi jirrizulta illi fl-10 ta’ Lulju 2004, fin-nofsiegha ta’ wara nofsinhar, l-attur kien miexi, huwa jghid mal-genb tat-triq, f’parti minn triq li ma kienx fiha bankina, triq wiesgha bizzejjed biex jghaddu fiha zewg karozzi komodament. Hin minnhom huwa ntlaqat minn wara minn karozza tal-marka Toyota Starlet. Is-sewwieq baqa’ sejjer, laqat zewg karozzi ohra u rega’ baqa’ jsuq.

“Dawn ic-cirkostanzi ta’ kif gara l-incident huma konfermati mill-attur stess kif ukoll minn Marco Bonanno li kien xhud okulari u Stefan Vella li, ghalkemm ma rax l-incident isehh, kien fuq il-post sekondi wara.

“L-imsemmi Marco Bonanno xehed hekk:

> “*Naf li darba kont sejjer lura mill-muzew ghad-dar, kien xi 12.30 jew 1.00, rajt karozza gejja lejja u rajtha sserrep. Jiena ersaqt magenb ezatt il-karozzi li kien hemm ipparkjati. Il-karozza ghaddiet mieghi bi zbrixx imma l-karozza baqghet sejra u laqtet ragel li kien ftit ‘il boghod minni. Jiena kont miexi fit-triq ghaliex f`dan il-post ma kienx hemm bankina u l-karozzi kienu pparkjati ezatti mal-hajt allura jiena kelli nimxi bil-fors fit-triq. Issa qed jaghmluha l-bankina. Il-persuna li ntlaqtet mill-karozza kienet warajja ftit metri ‘l boghod. Niftakar li kif ghaddiet bi zbrixx minn mieghi jien ghajjat “attent” u dort lura biex nara x`qed jigri fejn baqghet sejra l-karozza. Rajt il-karozza tolqot lil dan ir-ragel. Jien ma kontx nafu lil dan ir-ragel. Illum naf x`jismu, jismu Noel. Ma niftakarx jekk il-karozza li laqtet lil Noel waqfitx ghal ftit, pero` naf li mbaghad baqghet sejra.*”

“Stefan Vella min-naha tieghu xehed:

> “*Niftakar li fil-gurnata tal-incident kont ipparkjajt fejn id-dar u bdejt indahhal xi affarijiet li kelli fil-karozza. Hin minnhom smajt hoss qisu ta` zewg karozzi qed jahbtu ezatti meta smajt il-hoss kont dhalt gewwa b`xi affarijiet u hiereg biex nerga` ngib iktar affarijiet mill-karozza. Niftakar lil Noel jghajjat laqatni jekk niftakar sew. F`dan il-hin quddiemu kien hemm wieqfa karozza tal-marka Toyota ta` kulur qisu griz fil-blu. Din il-karozza waqfet ftit quddiemi imbaghad baqghet issuq fid-direzzjoni tal-Pjazza. Jiena imbaghad rajt lil Noel ma l-art u rajt li kien hemm xi daqqiet f`xi karozzi ohra. Jiena lil Noel Abdilla kont nafu qabel ghaliex girien taghna. Jekk ma hiniex sejjer zball kien hemm ukoll hsara f`zewg karozzi apparti Noel li kien milqut. Dak il-hin jiena indunajt li Noel kien korrut f`saqajh. Jiena bqajt hemm sakemm giet l-*

> *Ambulanza. Niftakar li l-karozza Toyota kellha tinted glass. Jiena kont innutajt in-number plate taghha din il-karozza u kont tajtu lil hu Noel.*"

"Ghalkemm meta xehed viva voce dan ix-xhud ma semmiex velocita', meta tkellem mal-pulizija ezatt wara l-incident huwa kkonferma li s-sewwieq kien ghaddej b'velocita' qawwija. Ir-rapport tal-pulizija jirregistra s-segwenti:

> "*Marco Bonanno qal li waqt li kien ghaddej minn Triq Santa Margerita ra l-vettura numru JBD 462 ghaddejja b'velocita' qawwija li kienet qed tinsaq hafna lejn ix-xellug tat-triq u li kienet ser ittajru. Kif rah, qabez 'il gewwa ghax kieku tolqtu. Ftit wara rah itajjar lil Noel Abdilla li kien fil-genb tat-triq, baqghet sejra u laqtet zewg karozzi ohra. Il-vettura numru JBD 462 baqghet sejra. Marco zied jghid li hu ra lix-xufier taghha li ma tantx kien f'postu. Kien qisu ghajjien u ma kienx qed jaghti kaz ta' kif kien qed isuq.*"

"P.S. 1219 Charles Zammit xehed:

> "*Ahna konna gejna infurmati li l-karozza l-ohra involuta ta` kulur Griz kienet registrata fuq isem Anthony Cumbo cioe` kienet misjuqa minn Anthony Cumbo u registrata fuq il-papa` tieghu. Nippreciza il-karozza kienet misjuqa minn Charlot Cumbo u registrata fuq Anthony Cumbo missieru. Fil-fatt meta konna morna d-dar tieghu konna sibna lil missieru u kien qalilna li l-vettura kienet ghand it-tifel tieghu. Din il-karozza JBD 462 ma kienetx fuq il-post meta morna ahna. Sussegwentement Charlot Cumbo kellimni l-ghassa. Nikkonferma dak li hemm fir-rapport cioe` li dak in nhar qalilna li kien ha jiehu l-ommu l-isptar u ma kienx jaf jekk laqatx lil xi hadd u l-ghada qalilna xi haga ohra. L-ghada kont baghat ghalih jiena. Jiena kont ergajt baghat ghalih ghax sirt naf li ma kellux licenzja. Nippreciza li mhux ma kellux licenzja tas-sewqan personali huwa imma l-karozza ma kienetx licenzjata. Nippreciza illi konna sibna li ma kienx kopert bl-insurance cioe` li l-assigurazzjoni tal-karozza ma kienetx tinkludi lilu. Ma niftakarx jekk kienx taht l-eta`jew le.*"

"Ir-rapport tal-pulizija in relazzjoni mal-incident gie pprezentat in atti (fol. 52) isemmi illi fl-istqarrija tieghu lill-pulizija, il-konvenut, li f'din il-kawza ma ressaq ebda forma ta' xhieda ta' responsabilita' u lanqas xehed huwa stess:

> "*Huwa qal li kien sejjer imur ghal ommu biex jehodha l-isptar, tfixkel u habat ma' xi karozzi. Huwa zied jghid li beza' u baqa' sejjer. Mistoqsi jekk jafx li tajjar lil xi hadd hu rrisponda li ma jafx x'kien gara.*
>
> *Meta l-ghada li sehh dan l-incident, is-surgent P.S. 1219 Charles Zammit staqsa lil Charlot Cumbo dwar x'jaf u kif kien sehh dan l-incident huwa qal li kien jaf li laqat zewg karozzi izda ma kienx jaf li laqat lil xi persuna. Qal ukoll li huwa baqa' sejjer ghax kien jaf li ma kienx kopert b'assigurazzjoni ghaliex kien taht l-eta'.*"

"L-istess rapport jispjega l-verzjoni li ta l-attur ta' kif gara l-incident:

"*Huwa qal li kien miexi fid-direzzjoni tac-centru tar-rahal fuq in-naha tax-xellug, madwar anqas minn metru 'l barra mit-triq meta f'daqqa wahda ntlaqat minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, tal-ghamla Toyota kulur il-fidda li sabtitu mal-art u baqghet sejra. Sussegwentement habtet mal-vettura tieghu li kienet ipparkjata u wara ma' vettura ohra numru BAR 202 li kienet ukoll ipparkjata quddiem dik tieghu. huwa zied jghid li wara li laqtet l-ahhar vettura, il-vettura li laqtitu naqset mill-velocita', kwazi waqfet ghalkollox u x-xufier taghha beda jhares lejh izda ftit sekondi wara taret minn fuq il-post.*"

"Kawza ta' dan l-incident, l-attur sofra ksur f'riglejh. Gie operat izda xi granet wara kellu jerga' jiddahhal l-isptar ghall-kura minhabba infezzjoni. Rega' gie operat xi zmien wara biex tnehhew ukoll partijiet metallici li kienu gew inseriti fl-ewwel intervent. Espert mediku prodott ex parte stabbilixxa dizabilita' fil-grad ta' 7%. L-ewwel espert nominat mill-Qorti mbaghad stabbilixxa grad ta' 1%, filwaqt periti perizjuri wasslu ghall-figura ta' 10%.

"Il-Qorti ttenni dak li diga' semmiet aktar 'il fuq u cioe' li l-konvenut ma ressaq ebda prova dwar ir-responsabilita' tieghu o meno ghall-akkadut. Madanakollu, xorta wahda jinkombi fuq l-attur li jipprova dak li jallega kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "Lenicker vs Camilleri" (deciza fil-31 ta' Mejju 1972):

"*… f'kawza Civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-atturi.*"

"Ukoll fil-kawza "Middlesea Insurance plc vs Spiteri" (deciza mill-Imhallef L. Farrugia Sacco fil-31 ta' Jannar 2007):

"*F'kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa' dejjem jimpera l-principju* ***'actore non probante reus absolvitur'****. L-attur li jallega l-incident ma sehhx b'tort jew b'negligenza tieghu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-proncipju l-iehor '****reus in excipiendo fit actor'****, ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu.*"

"Sabiex tasal ghal decizjoni dwar min jahti ghall-incident mertu tal-kawza, din il-Qorti kkunsidrat l-obbligi kemm tas-sewwieq kif ukoll ta' kull utent iehor tat-triq, liema obbligi gew ripetutament spjegati u enfasizzati fil-Qrati.

"Fis-sentenza "Tonna vs Gauci" (deciza mill-Prim'Awla fit-8 ta' Ottubru 2004), il-Qorti sostniet illi:

"*Skont il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati ma hemmx dubju li pedestrian huwa ntitolat ghall-ezercizzju ta' reasonable care da parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina u jkun fil-carriageway, u ghalhekk il-fatt li pedestrian kien fil-carriageway ma jezonerax lid-driver mill-htija, jekk*

> *dan id-driver ma jkunx uza reasonable care" (App. Krim P vs C Demicoli Vol 37 p4 p 1157).*"

"Imbaghad fil-kawza "Bongailas vs Mercieca":

> "*Mhemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma lanqas m'ghandu jitqies bhala intruz.*"

"U fis-sentenza "Mifsud vs Craus" (deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 2005):

> "*Illi hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah 'a reasonable look out', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…" 'Reasonable look out' ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view [Vol. LXXXII.III.322]. 'The duty to look implies the duty to see what is in plain view' [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54]. Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u cioe' qabel ma jaqsam il-karregjata.*"

"Min-naha l-ohra huwa ritenut ukoll:

> "*Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza (Vol. XXXIX.iv.1031)*" ("Calleja vs Agius", deciza fil-5 ta' Ottubru 1995).

"Kif ukoll:

> "*Illi ma dan irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa "used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances" (Gibb para 127)*" ("Micallef vs Sammut", deciza mill-Prim'Awla fit-28 ta' Gunju 2001).

"Fid-dawl ta' dawn il-principji, din il-Qorti tqis li l-htija ghall-akkadut hija kollha tal-konvenut. Mill-provi jirrizulta li kien qieghed isuq fi triq wiesgha, b'velocita' qawwija tant illi wara li ghadda zbrixx minn ma' persuna wahda, baqa' ghaddej bla ma naqqas il-velocita', tajjar persuna ohra u kompla biex habat ukoll f'karozzi pparkjati. L-attur min-naha tieghu, kien miexi fi triq minghajr bankina, anqas minn metru mill-hajt tas-sejjieh fi triq wiesgha. Ma jistax ghalhekk ragjonevolment jinghad illi kkontribwixxa ghall-akkadut. Ma jirrizulta bl-ebda mod li naqas fid-dover tieghu li jiehu hsieb tieghu nnifsu ragjonevolment bhala "pedestrian".

"Il-Qorti tinnota illi, ghalkemm jirrizulta li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenut, u nstab hati ta' xi akkuzi, ma ngabet ebda prova

lill-Qorti ta' liema akkuzi nstab hati u ghalhekk il-Qorti mhijiex qed tqis bl-ebda mod dawn il-proceduri. Lanqas mhija ser tqis ic-cirkostanza li l-konvenut baqa' sejjer minghajr ma waqaf kif kien obbligat jaghmel wara l-incident, kif ukoll li kien qed isuq minghajr kopertura ta' insurance. Ukoll, il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jsostni li l-identita' tas-sewwieq tal-vettura li tajret lill-attur ma gietx stabbilita. Dan fil-fehma tal-Qorti huwa argument altament fieragh u addirittura sleali. Kien missier il-konvenut stess li stqarr mal-pulizija li l-karozza kienet f'idejn ibnu li huwa stess ammetta mal-pulizija li kien involut f'incident beza' u ghalhekk saq minn fuq il-post tal-incident. Inoltre kif gie accennat aktar 'il fuq, kien kontra l-konvenut odjern li ttiehdu l-proceduri kriminali wara l-incident, proceduri dawn li rrizultaw fi htija ta' xi akkuzi, multa u sospensjoni ta' licenzja tas-sewqan.

"<u>Danni</u>

"L-Art. 1045 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> "***1045.*** *(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib.*
>
> *(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati.*"

"L-attur jipprova illi sofra bhala "damnum emergens" danni fl-ammont ta' Lm55 bhala spejjez inkorsi ghall-perit ex parte u Lm295 bhala spejjez tat-tiswija tal-vettura tieghu. din il-Qorti mhijiex ser tqis iz-zewg ricevuti mahruga minn spizerija peress illi ma saret ebda prova li dawn jirreferu ghall-medicini kkonsmati mill-attur stess ghall-problemi medici kawzati mill-incident mertu tal-kawza. Ghalhekk, il-Qorti qed tiffissa l-ammont ta' danni bhala "damnum emergens" fl-ammont ta' tmien mija u hmistax-il ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28) ekwivalenti ghal tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350).

"Aktar problematiku ghal din il-Qorti huwa l-iffissar ta' "lucrum cessans", dan minhabba, l-ewwelnett id-divergenzi bejn id-diversi esperti medici fil-gradi ta' dizabilita' minnhom stabbiliti, kif ukoll minhabba l-fatt li l-attur m'ghandux impjieg fiss.

"In linea ta' principju doveruz wiehed jirrimarka illi:

> "*Huwa stabilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita' dak li jrid jiġi stabilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba;*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet*" ("Xuereb vs Spalding", deciza mill-Prim'Awla mill-Imhallef J. R. Micallef fl-10 ta' Lulju 2003).

"Ukoll kif irriteniet il-Qorti fis-sentenza "Gatt vs Theuma" (deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April 1987):

"*...Il-fatt li min isofri lezjoni jkompli jahdem, sia pure fl-impjieg li kellu qabel l-incident... ma jipperkludix li jiehu danni meta huwa bhala konsegwenza tal-incident kien sofra dizabilita' permanenti. Dik id-dizabilita' permanenti tista' dejjem tkun ta' xkiel ghalih fil-futur li jimmiljora l-pozizzjoni finanzjarja tieghu, u kwindi ghal din ir-raguni huwa intitolat ghad-danni li jista' jsofri bhala konsegwenza taghha.*"

"U fis-sentenza "Zerafa vs Sacco" (deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru 2006):

"*Din il-Qorti ma thossx li ghandha xi zzied ma dak li qalet l-ewwel Qorti dwar id-dritt ta' kumpens meta ma jkunx hemm dizabilita` funzjonali billi llum huwa generalment rikonoxxut li kull dizabilita`, anke jekk fl-apparenza ma ghandha ebda effetti fuq il-kapacita` lavorattiva ta' dak li jkun, xorta wahda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista' jigi eskluz l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal.*"

"Il-periti perizjuri inkarigati mill-Qorti rredigew zewg rapporti, wiehed sena wara l-iehor. Huma waslu ghall-konkluzjoni li l-percentwali dizabilita' hija ta' 10%. Mill-ezamijiet taghhom (u mhux biss fuq ir-rakkont tal-attur) huma kkostataw illi:

"*Minn l-ezaminazzjoni li saritlu jidher li l-ghadma tal-qasba fejn kellu l-ksur ghaqdet imdawra 'l barra. Din tista' taghti disturb kemm immedjat imma wkoll fil-futur fejn jista' jkollha effett fuq l-ghaksa u l-gog tal-wirk. Tista' wkoll taffettwa l-mod kif jimxi u tikkawza ugigh fid-dar.*

*Hemm ukoll problemi fl-ghaksa fejn Abdilla tilef xi moviment u b'hekk ittellfu fil-mixi u s-sewqan.*"

"Ikkonfermaw il-konkluzjoni taghhom fit-tieni rapport taghhom. Xehdu wkoll in eskussjoni u spjegaw dettaljatament in-nuqqasijiet li jbati minnhom l-attur prezentement. Kif ukoll il-probabilita' li eventwalment huwa ser ibati b'artrite fil-gogi koncernati. Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda taddotta il-percentwali ta' 10% bhala l-grad ta' dizabilita'.

"<u>Multiplier</u>

"Huwa ritenut minn dawn il-Qrati f'dan il-kuntest illi:

"*F'din il-materja ta' lucrum cessans, il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qligh hu haga ta' possibilita' u mhux ta'*

*certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat*" ("Lambert vs Buttigieg", deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' April 1963).

"Il-Qorti f'din il-kawza ser taddotta multiplier ta' 20 peress illi l-attur fil-mument tal-incident kellu l-eta' ta' 33 sena. Il-Qorti tirreferi hawnhekk ghal sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "Spiteri vs Fava" (deciza fis-26 ta' Novembru 2012) u "Xuereb vs Spalding" fuq citata.

"Fil-kuntest ta' introjtu tal-attur, ma ngabux lill-Qorti provi dwar xi qligh ghandu prezentement l-attur li, ghalkemm isostni li ma jahdimx, ma kkontesta bl-ebda mod il-provi (ritratti u filmat) prodotti mill-konvenut li juru li huwa fil-fatt jahdem bhala sewwieq ta' taxi. Ghalhekk il-Qorti ser taghmel il-kalkoli taghha a bazi tal-paga minima nazzjonali, prezentement stabbilita fl-ammont ta' €162.19 li l-Qorti qieghda zzid bi 12% biex tkopri l-eventwalita' tal-gholi tal-hajja €181.65. Dan igib ammont ta' €9,445.80 fis-sena.

"<u>Lump sum payment</u>

"Peress illi l-incident gara fis-sena 2004 mhijiex ser isir ebda riduzzjoni ghal "lump sum payment" li komunement isir fl-ammont ta' 20% mnaqqas bi 2% ghal kull sena ta' durata mid-data tal-incident li jkun ta lok ghall-proceduri.

"In konkluzjoni ghalhekk, il-Qorti ser tikkalkula kif gej.

"Paga €9,445.80 x
Multiplier 22
Percentwali 10% = €20,780.76

"Ghalhekk takkorda bhala ammont ta' danni l-ammont ta' ghoxrin elf, seba' mija u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€20,780.76).

"Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li Charlot Cumbo kien unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-10 ta' Lulju 2004 li fih safa' mwegga' Noel Abdilla; tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' ghoxrin elf, seba' mija u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€20,780.76); tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Charlot Cumbo jhallas lil Noel Abdilla s-somma ta' ghoxrin elf, seba' mija u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€20,780.76), bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Charlot Cumbo".

Minn din is-sentenza appella l-konvenut li qed jitlob ir-revoka taghha u li allura jigu respinti t-talbiet attrici – subordinatament qed jitlob tnaqqis fis-somma akkordata bhala danni lill-attur appellat li da parti tieghu qed jitlob il-konferma tas-sentenza.

L-aggravji huma tnejn u se jigu ikkonsidrati "seriatim".

**L-ewwel aggravju** huwa li, skont l-appellanti, ma tressqux bizzejjed provi biex iwasslu ghall-konviciment skont il-ligi li huwa kien qed isuq il-vettura inkwistjoni u allura li huwa kien responsabbli ghall-incident. Jghid fir-rikors tal-appell li hadd mix-xhieda fil-kawza ma identifikaw lilu bhala s-sewwieq tal-vettura inkwisjtoni u li s-surgent Zammit xehed dwar fatti li qalulu x-xhieda l-ohra u allura dak li qal ma jistax ikun ikkonsidrat bhala fatt ipprovat skont il-ligi ghaliex "detto del detto".

Ghandu jinghad illi hafna mill-aggravji jirrigwardjaw evalwazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi illi ingiebu quddiemha – kompriz il-kredibbilita` tax-xhieda. Dwar dan, u cioe`, fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li

"*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*"*.*

"*Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet lewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha*"*.* (**Borg v. Galea**, Appell, 3 ta' Marzu 2011). Madankollu "*Din il-Qorti pero' f'kaz tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*"*.* (**Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014).

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha jidhrilha kien hemm bizzejjed provi biex il-konvenut jigi ritenut responsabbli ghall-incident inkwistjoni. L-ewwel nett l-istess appellant waqt il-gbir tal-provi ma xehedx biex

jirribatti l-provi li tressqu fil-konfront tieghu. Naturalment fil-kamp kriminali dan ma jistax jigi interpretat bhala xi forma ta' ammissjoni, izda fil-kamp civili kien jinkombi lilu illi jirribatti l-provi li kienu jippuntaw lilu bhala s-sewwieq tal-vettura li laqtet lill-appellat. Is-surgent Zammit nizzel fl-okkorrenza tal-incident li l-appellant qallu li huwa kien sejjer jiehu lill-ommu l-isptar u tfixkel – ammetta mieghu li baqa' sejjer wara l-incident. Ix-xhud Stefan Vella innota n-numru tal-vettura u ghaddiha lill-appellat fil-waqt li anke missier l-appellant qal lil Pulizija li l-appellant kien qed isuq il-vettura f'dak il-hin tal-incident.

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003:

> "*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal lkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, iccertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.* Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "**Farrugia vs Farrugia",** "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo*".

F'gudizzju civili infatti l-Qorti trid tiddeciedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta'

Frar 1952)*; "il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'*" – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003). Mill-provi mressqa din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti fir-rigward.

Kif inghad l-appellant f'dan l-aggravju jikkontesta biss il-konkluzjoni li huwa kien il-persuna li kienet responsabbli ghall-incident izda ma jsemmi xejn dwar il-mod kif gara l-incident u ghalhekk ma hemm ebda aggravju indikat minnu f'dan ir-rigward. L-aggravju fuq imsemmi allura huwa michud.

**It-tieni aggravju** jirrigwardja l-komputazzjoni tad-danni akkordati lill-attur u l-appellant jilmenta li l-ammont akkordat huwa eccessiv. Naturalment kif spiss qalu l-Qrati taghna,

> "*Il-Qorti trid .. taghmilha cara illi f'kazi bhal dawn ma tesisti l-ebda formula magika specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali*". (**Turner v. Agius**, Qorti tal-Appell 28 ta' Novembru 2003)

Dan ghaliex kif gie spjegat diversi drabi, il-Qorti meta tigi biex tiddeciedi kawza simili, qatt ma tista' tipprevedi tibdil fic-cirkostanzi tal-hajja tal-persuna mwegga'. Dan huwa rifless f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti, uhud minnhom riportati fis-sentenza **Brian Micallef v. Brian Tyre**

**Services Limited** deciza fil-31 ta' Jannar 2014 minn din il-Qorti, fejn l-attur kellu 23 sena meta sehh l-incident u l-Qorti applikat 'multiplier' ta' 35 sena. Kif tghid l-awtrici **Vivienne Harpwood (Modern Tort Law")** (**ediz. 2009, pagna 438**),

> "*Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystal ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future*".

Dawn il-hsibijiet huma riflessi anke f'sentenzi ta' din il-Qorti bhal **Gauci v. Bugeja** (29 ta' Novembru 2009) u **Caruana v. Camilleri** (27 ta' Frar 2004) u **Attard v. D'Amato** (22 ta' Ottubru 2002). Fl-ewwel sentenza msemmija ntqal infatti illi "*id-danni ghandhom jigu akkordati biex jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn id-dritt tad-danneggjat u l-obligu tal-dannegjant. Tenut kont ta' dan isegwi illi l-working life expectancy ma ghandu qatt jigi, kif qatt ma gie konsiderat, kollu ghall fini tal-multiplier*".

L-ewwel Qorti strahet fuq ir-rapport tal-esperti medici addizzjonali u adottat il-percentwali ta' 10 fil-mija dizabilita` fil-komputazzjoni tas-somma li illikwidat bhala danni. L-appellant jilmenta dwar dan – jaghmel referenza ghad-depozizzjoni ta' Alison Cumbo li apparentement giet inkarigata mill-appellant stess biex isegwi l-passi tal-appellat u li qalet li fil-fatt l-appellat kien qed jaghmilha ta' sewwieq ta' vetturi tal-kiri u allura ma kien qed isofri minn ebda dizabilita`. Jirreferi wkoll ghall-perizja tal-

ewwel perit nominat mill-Qorti stess li kkonkluda li d-dizabilita` tal-appellat kienet ta' 1 fil-mija.

F'materja ta' periti nominati mill-Qorti, il-Qrati taghna ghal diversi drabi ghamlu taghhom il-konstatazzjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawza **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et** (23 ta' Gunju 1967) fejn qalet illi "*ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit- tekniku ma jistghux u ma ghandux, ... ...., jigi skartat facilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli*". Bl-istess mod il-Qorti (Prim'Awla) ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014, u aktar ricentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Mugliette et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014 u **Giulia Curmi et v. Guzeppi Schembri** deciza fl-24 ta' April 2015.

Din il-Qorti jidrilha li ladarba jigu nominati l-esperti addizzjonali, huwa naturali ghall-Qorti (ghalkemm certament mhux obligatorju) li hija ssegwi l-konkluzjonijiet tal-istess esperti. Una volta l-ewwel Qorti ddecidiet b'dan il-mod, din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba dik il-konkluzjoni

sakemm ma jkunx hemm xi fatturi serji li jwassluha biex taghmel dan. Wara kollox parir ta' tlett esperti medici ta' kalibru u li jkollhom il-fiducja tal-Qorti li tinnominahom, ma ghandhiex ukoll tkun imxejjna b'mod daqshekk legger. Oltre dan l-istess esperti gew eskussi mill-appellant u kwindi l-ewwel Qorti zgur hadet in konsiderazzjoni l-mod kif huma wiegbu ghad-domandi fir-rigward.

Kwantu mbaghad ghad-depozizzjoni ta' Alison Cumbo din ma tinfluwixxi xejn fuq il-grad ta' dizabilita` tal-appellat. Il-fatt li huwa ghandu dizabilita` ta' 10 fil-mija ma jfissirx li ma jistax jahdem anzi l-Qorti mbaghad setghet tibbaza l-likwidazzjoni tad-danni fuq paga minima billi l-istess appellat sostna li ma kienx qed jahdem ghar-ragunijiet illi jafhom huwa biss. Anke l-ilment tal-appellant li l-ewwel Qorti ziedet marginalment l-ammont in previzjoni ta' inflazzjoni huwa ragonevoli u hija prassi f'sitwazzjonijiet simili. L-inflazzjoni ta' 12 fil-mija fuq medda ta' ghoxrin sena mhijex esagerata kif sostna l-appellant.

Finalment l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-Qorti ma adoperatx tnaqqis ghal hlas f'daqqa (*lump sum deduction*). Din il-Qorti pero` taqbel mal-ewwel Qorti illi f'dan il-kaz ma ghandux isir dan it-tnaqqis minhabba it-trapass taz-zmien minn meta gara l-incident (ara s-sentenzi fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells supra**, u **Susan Davies v. Anthony**

**Galea** deciza fil-10 ta' Ottubru 1997, it-tnejn mill-Prim'Awla ghar-ragunijiet ta' dan il-principju).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata interament.

L-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb